# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 42**

**Citaz. numru 50/87 DS**

Brian Valenzia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arva Insurance Agency Ltd. u dina in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union Fire Insurance Society Ltd. kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom L. Balbi Ltd. in forza tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni numru MAR/OPEN/0001/0662

vs

Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 22 ta' Gunju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Jannar 1987 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-assigurat tal-attur nomine l-Balbi Ltd. Impurtat konsenja ta' *stainless steel ware* li waslet f'Malta fuq il-vapur M/S SALAHALA fl-24 ta' Jannar 1986;

Illi whud minn din il-konsenja waslet f'Malta daniggjata u/jew b'xi nuqqasijiet;

Illi l-assikurat/importatur L. Balbi Ltd. In forza tal-Polza ta' Assikurazzjoni numru MAR/OPEN/0001/0662 giet kompensata tad-danni minnha sofferti fl-ammont ta' Lm309.30,0 (tlett mija u disgha liri u tletin centezmu) u di piu' issurogat lid-ditta attrici fid-drittijiet taghha li nefqet l-ammont ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira) spejjez ta' survey u Customs Certificate b'kollox ghalhekk ghandha tigbor l-ammont ta' Lm334.30,0 (tlett mija u erba' u tletin lira u tletin centezmu) li minnhom gia' gabret l-ammont ta' Lm50 minghand l-agent tal-vapur u ghalhekk baqghalha tigbor is-somma ta' Lm284.30,0;

U billi dawn id-danni li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine gew kawzati mill-konvenut kif jirrizulta anke mill-joint tally li sar u li ghalkemm interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kkagunati lill-assikurat ta’ l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine, jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominanti, fl-ammont ta’ Lm284.30,0 jew somma verjuri.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm284.30,0 jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjoniijet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-Socjeta’ “The Cargo Handling Co. Ltd.,” huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ konvenuta qdiet il-funzjonijiet taghha relattivament ghall-merkanzija “de quo” bid-diligenza kollha rikjesta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Mejju 1987 li permezz tieghu gie nominat l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dottor Guido Saliba sabiex, inter alia, jigbor il-provi;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 1988 li permezz tieghu ghall-imsemmi assistant gudizzjarju gie sostitwit l-Avukat Dottor Tony DeGaetano;

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru 1991 li permezz tieghu gie sostitwit l-Avukat Dottor Giovanni Griscti bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-30 ta' Gunju 1993 fejn l-inkarigu ta' l-imsemmi perit legali gie revokat fuq talba tieghu stess u rat id-digriet sussegwenti tal-11 ta' Novembru 1993 fejn gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Philip Manduca;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fil-21 ta' Frar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li fl-24 ta' Jannar 1986 gew importati f'Malta mis-socjeta` L. Balbi Ltd. permezz tal-vapur M/S SALAHALA, disa' kartuniet *stainless steel ware*. Meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta` importatrici, instabu diversi nuqqasijiet u ghalhekk sar *claim*

mas-socjeta` assiguratrici attrici li baghtet is-*surveyor* taghha Oswald Carbonaro biex jispezzjona l-merkanzija.

Oswald Carbonaro xehed li meta spezzjona l-merkanzija sab li l-maggoranza tal-kartuniet kienu mqattghin jew litteralment miftuhin u mbaghad bdew jaraw x'nuqqasijiet kien hemm. Alexander Mercieca, manager mas-socjeta` importatrici, ukoll xehed li meta l-burdnar tella' x-xoghol mill-ewwel indunaw li kien hemm kwazi l-kaxex kollha miftuhin u li f'din il-konsenja kien hemm tahwida kbira fis-sens li kaxex imqattghin u miftuhin u xi whud f'xi kaxex ohrajn.

Mid-deskrizzjoni moghtija fis-*survey report* pero` s-sitwazzjoni giet rapprezentata b'mod differenti. Difatti hawn jinghad li *"Cartons No. 2 and No. 8 were found torn and open. While one Carton was found damaged and completely retaped."* Barra minn hekk, ghalkemm tinghata lista dettaljata ta' l-oggetti nieqsa, ma hemm l-ebda indikazzjoni f'liema kartuniet dawn l-oggetti kellhom suppost jinstabu u lanqas ma jirrizulta mid-dokumenti esibiti, b'mod partikolari l-fatturi Dok. TD2, x' kien hemm f'kull kartuna.

Issa mill-provi jirrizulta li l-valur tan-nuqqasijiet kien ta' Lm309.30 u s-socjeta` attrici fil-fatt halset dan l-ammont lis-socjeta` importatrici. Kien hemm ukoll Lm25 *survey fees*. Is-socjeta` attrici diga` gabret Lm50 minghand l-agenti tal-vapur. Ghalhekk il-bilanc li qed tirreklama permezz ta' din ic-citazzjoni huwa ta' Lm284.30. Billi mill-polza ta' kariku jirrizulta li l-merkanzija ttellghet fuq il-vapur *clean on board*, dan ifisser li kien hemm xi hsarat/nuqqasijiet waqt li l-merkanzija kienet taht il-kontroll tal-vapur. Meta l-merkanzija tnizzlet Malta ghaddiet f'idejn is-socjeta` konvenuta u baqghet f'idejha mill-24 ta' Jannar 1986 sa l-4 ta'

Frar 1986 meta jirrizulta li ttiehdet fid-depost tad-Dwana. Skond id-dokument relattiv esebit minn Peter Bonello, claims representative tas-socjeta` konvenuta, meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lid-Dwana kien hemm *"2 ctns open & contents exposed"*, jigifieri d-deskrizzjoni hija simili ghad-deskrizzjoni fis-*survey report* bid-differenza li f'dan ir-rapport hemm indikata wkoll kartuna danneggjata u *"retaped"*.

Sfortunatament ma gewx esebiti t-*tally sheet* u l-*gate pass-out* li setghu jitfghu xi ftit aktar dawl fuq ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Difatti mit-*tally sheet* kien jirrizulta f'liema kondizzjoni l-merkanzija tnizzlet minn fuq il-vapur u allura ezattament ghalxiex l-agenti tal-vapur halsu. Lanqas ma gie prodott rapprezentant tad-Dwana biex jixhed dwar il-kondizzjoni tal-merkanzija meta giet rilaxxata mid-depost u jesebixxi d-dokumenti relattivi. Kif lanqas ma gie prodott il-burdnar li forsi seta' jixhed dwar il-kondizzjoni tal-merkanzija li giet rilaxxata lilu? U kien ikun jista' jispjega l-mod kif giet *handled* minnu l-merkanzija?

Mis-*survey report* jirrizulta li l-merkanzija giet rilaxxata mid-Dwana fit-12 ta' Frar 1986 u hemm indikat fl-istess rapport li kien hemm *"apparent sign of shortages"*. Izda dawn in-nuqqasijiet sehhew bejn l-24 ta' Jannar 1986 u l-4 ta' Frar 1986 meta l-merkanzija kienet tinsab f'idejn is-socjeta` konvenuta jew bejn l-4 ta' Frar 1986 u t-12 ta' Frar 1986 meta kienet tinsab f'idejn id-Dwana? U jekk skond is-*surveyor* tas-socjeta` assikuratrici u l-*manager* tas-socjeta` importatrici l-maggoranza ta' kartuniet waslu mqattghin u miftuhin ghand l-importatur, kif is-*survey report* jitkellem biss dwar zewg kartuniet miftuhin? Il-merkanzija li naqqset, instabet nieqsa minn dawk iz-zewg kartuniet biss jew anke mit-tielet wahda li kienet *"retaped"*?

Fil-fehma tal-Qorti, minhabba nuqqas ta' provi u minhabba l-kontradizzjonijiet li indikat ma tistax tikkonkludi, lanqas *on a balance of probability*, li n-nuqqasijiet kollha reklamati necessarjament sehhew meta l-merkanzija kienet tinsab taht il-kustodja tas-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna